**15 ta' Ottubru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

John Camenzuli

*versus*

Avukat Dottor George Degaetano et noe.

**Transazzjoni.**

*Hija biżżejjed il-possibilità ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet biex ikun hemm wieħed mill-presupposti tal-kondizzjonijiet ta' transazzjoni.*

*Element ieħor tal-kuntratti ta' transazzjoni huwa illi kull parti iċċiedi xi ħaġa jew tagħti xi ħaġa biex tiġi evitata kawża.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi fl-erbatax (14) ta' Settembru, 1957, ordna mingħand id-ditta konvenuta, per mezz tal-aġenti tagħha d-ditta William

Portelli & Sons, magna deskritta bħala "macchina stampatrice biscotti automatica" b'diversi aċċessorji, kif deskritti fil-kopja kommissjoni (Dok. A) bil-prezz ta' elf erba' mija sebgħa u sebgħin lira (£1477) kompriżi f'dan il-prezz l-istallazzjoni tal-istess magna u serviġi oħra ta' kollokament kif indikati fl-istess kopja kommissjoni (Dok. A) u li l-attur ħallas, per mezz tal-banka B. Tagliaferro & Sons (Dok. B), is-somma ta' tliet mitt lira (£300) mal-ordni u kellu jħallas il-bilanċ malli l-magna tiġi installata a sodisfazzjoni tal-attur u tiffunzjona regolarment b'mod li tipproduċi l-prodott kif garantit mid-ditta konvenuta u li meta waslet l-imsemmija magna d-ditta konvenuta f'żewġ okkażjonijiet bagħtet tekniku tagħha però dawn ma rnexxilhomx iħaddmuha kif kellha taħdem u li għalhekk l-attur għandu d-dritt għax-xoljiment u jewannullament tan-negozju fuq imsemmi għaliex ġiet nieqsa l-kondizzjoni li taħtha ġie pattwit in-negozju, ċioè l-makna ma ffunzjonatx kif ġie garantit espressament li kellha tiffunzjona biex tipproduċi dak li kien garantit li kellha tipproduċi, u li nonostante li l-attur interpellaha per mezz ta' protest legali preżentat fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju, 1958, id-ditta konvenuta ma rtiratx l-imsemmija magna u aċċessorji u ma rrifondietx lill-attur is-somma ta' tliet mitt lira (£300) fuq imsemmija u lanqas ħallsitu d-danni — talab illi (1) jiġi annullat, risolut u xjolt il-bejgħ tal-macchina fuq imsemmija deskritta bħala "macchina stampatrice biscotti automatica" b'diversi aċċessorji kif deskritti fid-Dok. A fuq imsemmi magħmula mid-ditta estera konvenuta lill-attur kif fuq ingħad, u dan għaliex ġiet nieqsa l-kondizzjoni li taħtha ġie pattwit in-negozju, ċioè il-magna ma ffunzjonatx kif ġie garantit espressament li kellha tiffunzjona biex tipproduċi dak li kien garantit li kellha tipproduċi (2) il-konvenuti nomine jiġu kkundannati li jħallsu u jirrestitwixxu lill-attur is-somma ta' tliet mitt lira (£300) mħallsa akkont tal-prezz lid-ditta konvenuta kif fuq ingħad kif ukoll l-imgħaxijiet kommerċjali mid-data tal-isbors, ċioè mit-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru,

1957, billi jiġu kkundannati jirċievi lura l-magna fuq imsemmija u l-aċċessorji tagħha u jiġu kkundannati li jirrifondu lilu l-ispejjeż li hu inkorra fihom inutilment in konnessjoni ma' dan in-negozju u jirrisarċilu d-danni minnu sofferti: danni u spejjeż li jiġu likwidati — bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-protest legali preżentat fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju, 1958, u bl-imgħaxijiet kommerċjali mid-data tan-notifika tal-imsemmi protest.

Omissis;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti kuraturi (fol. 11) li biha eċċepew:

(1) Li, stanti li rriżulta fis-smiegħ tal-kawża li kienet saret transazzjoni bejn il-kontendenti u li kien sar ftehim, bil-miktub, fis-sens li d-ditta "Enrico Battagion" kellha tipprovdi varjatur ġdid għall-magna in kwistjoni, l-azzjoni li talvolta tikkompeti *lill-attur m'hijiex għar-resoluzzjoni tal-bejgħ* tal-magna iżda jew (a) għall-konsenja tal-"varjatur" u għall-esekuzzjoni tat-transazzjoni jew (b) għall-impugnazzjoni ta' dak il-ftehim li sallum għadu jorbot lill-partijiet;

Omissis;

Tikkunsidra illi kif irriżulta mill-provi l-attur kien ordna lid-Ditta konvenuta magna li tagħmel il-galletti u l-gallettini imsejħa "macchina stampatrice biscotti automatica" tip Scriba li kellha titħallas kif jirriżulta mill-kopja Commissjoni (fol. 4) in kwantu għal £300 mal-ordni u l-bilanċ ta' £1,177 "after the erection of the machine and same is found to be satisfactory to customers in that it will give the output claimed". Meta twaħħlet il-magna fil-fabbrika tal-attur, din għal xi raġunijiet li wieħed m'għandux jidħol fihom issa — ma ħadmitx a sodisfazzjon tal-attur. It-tekniku Valloncini mibgħut

mid-Ditta konvenuta ma rnexxilux iħaddimha sodisfaċentement u d-ditta konvenuta bagħtet tekniku ieħor, Ghezzi, li ħaddem hu l-magna, però l-attur baqa' mhux sodisfatt birriżultat. Wara li kienu saru diversi provi Charles Portelli, l-aġent tad-ditta konvenuta, li kien kważi dejjem preżenti waqt il-provi mar għand l-attur u t-tifel tiegħu Alexander, qallu "jekk jibgħatlek varjatur ġdid inti tkun kuntent bil-magna?" u Alexander Camenzuli aċċetta u jgħid, ċirkostanzi miċħuda minn Portelli, li qallu wkoll li jaċċetta jekk taħdem tajjeb. Allura Portelli tah il-karta li tinsab esibita a fol. 7 tal-proċess fl-ismijiet "Dr. J. Pullicino noe vs. Joseph Camenzuli", differita sine die quddiem din il-Qorti, fejn kien hemm typewritten din id-dikjarazzjoni bid-dati tat-tnejn (2) ta' Mejju, 1958: "Is-sur John Camenzuli hawn sottoskritt, jiddikjara illi kemmil darba d-ditta Enrico Battaggion S.p.A. ta' Bergamo, Italia, tagħtih varjatur ġdid ta' l-istess tip ta' dak illum montat fuq l-istampatrice, huwa ma jqajjem aktar ebda kwistjonijiet dwar l-istess stampatrice". It-tifel tal-attur żied fuq din il-karta "però ta' forza aqwa" wara l-kelma stampatrice, u iffirma għal missieru. Skond l-attur u t-tifel tiegħu huwa ma riedx iħaddem il-magna qabel ma jiġi l-varjatur il-ġdid però ħaddimha wara li Portelli u Ghezzi qalulu biex iħaddimha u jiddobba kif jista' sakemm jiġi varjatur ġdid. Fil-fatt meta l-attur reġa' ħaddem il-magna baqa' mhux sodisfatt u ma ħaddimhiex iżjed. Fit-tmienja (8) ta' Mejju, 1958, id-ditta konvenuta kitbet lill-aġent tagħha Portelli fejn wara li qaltlu illi fil-fehma tagħha ma kienx hemm bżonn ta' varjatur ta' potenza aqwa, iddikjarat ruħha b'dana kollu pronta biex tipprovdi varjatur ġdid aktar qawwi, però billi dan il-varjatur ma kienx ikun pront qabel xahar u ma xtaqux illi jistennew daqshekk għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-magna da parti tal-attur, inkarikaw lil Portelli li jipproponi lill-attur (desideremmo che voi proponeste al Signor Camenzuli, tgħid l-ittra tad-ditta konvenuta) illi fl-intervall iħallas almenu akkont ieħor ta' lit.1,800,000 u jżomm, bħala garanzija tal-valur tal-varjatur lit. 200,000. Meta

Portelli rċeva din l-ittra ċempel lill-attur u qallu biex imur l-uffiċju tiegħu biex jispjegahielu, però l-attur mar għand l-avukat tiegħu u dan stieden lil Portelli biex jiltaqa' ma' l-attur fl-uffiċju tiegħu. Portelli mar għand l-Avukat tiegħu proprju, Dr. Pullicino, li bagħat lill-attur l-ittra kopja a fol. 34 bid-data tal-ħdax (11) ta' Ġunju, 1958, fejn ġie informat li d-ditta konvenuta kienet ordnat varjatur għalih speċjali li ma jkunx lest qabel xahar, u l-attur ġie mitlub li minnufih iħallas almenu akkont ta' £1,000. Billi l-attur ma ħallasx, fit-tnax (12) ta' Settembru, 1958, ġiet preżentata ċitazzjoni għall-kundanna tiegħu għall-ħlas tal-bilanċ u l-attur fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' l-istess xahar irrisponda biċ-ċitazzjoni odjerna.

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni mogħtija mid-ditta konvenuta (ara fol. 11) illi bejn il-partijiet kienet saret transazzjoni u konsegwentement l-attur missu talab mhux ir-risoluzzjoni tal-bejgħ imma l-konsenja tal-varjatur u l-esekuzzjoni tat-transazzjoni, jew impunja dak il-ftehim li sallum għadu jorbot lill-partijiet, illi l-provi juru illi jekk ma kienitx għadha inqalgħet kawża bejn il-partijiet kien hemm diġà l-possibilità li tinqala' kawża meta l-attur beda jsib ruħu skuntent bil-funzjonament tal-magna, u hu magħruf illi hija biżżejjed il-possibilità ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet biex ikun hemm wieħed mill-presupposti tal-kondizzjonijiet ta' transazzjoni — suffiċit metus litus instantis vel eventus dubius. F'din il-possibilità ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet, l-aġent Portelli issuġġerixxa lill-attur li jiddikjara illi ma jqajjem ebda kwistjonijiet dwar l-istampatriċi jekk id-ditta ittih varjatur ġdid. Dan hu element ieħor tal-kuntratti ta' transazzjoni, jiġifieri illi kull parti ċċedi xi ħaġa jew tagħti xi ħaġa biex tiġi evitata l-kawża, u l-attur aċċetta mingħajr ebda kondizzjoni oħra ħlief illi l-varjatur ikun ta' forza aqwa. Huwa żied illi qal ukoll lil Portelli illi kien jaċċetta, jekk il-makna taħdem sewwa; dan però anke jekk intqal ma ġiex inkorporat fl-iskrittura u għalhekk ma tistax tittieħed bħala kondizzjoni espressa jew speċifika

u kwindi l-ftehim veru u proprju huwa dak li jirriżulta minn din l-iskrittura. Id-ditta konvenuta però ma aċċettatx purament u sempliċement l-iskrittura firmata minn l-attur, u inkarikat lill-aġent tagħha illi jipproponi lill-attur illi jħallas il-bilanċ nieqes lit-.200,000, bħala garanzija tal-valur tal-varjatur; u billi l-attur ma ħallasx id-Ditta konvenuta ma bagħtetx il-varjatur. Dan juri kemm id-ditta konvenuta ssubordinat l-aċċettazzjoni tal-obbligazzjoni tal-attur għall-ħlas da parti tiegħu ta' somma ta' lit. 1,800,000, u ma kienitx tikkunsidra ruħha bħala vinkulata mill-firma tal-attur fuq il-karta tat-tnejn (2) ta' Mejju, 1958. Diversament kienet l-ewwel tibgħat il-varjatur, u mbagħad taġixxi kontra l-attur għal prezz, ħaġa li hija ma għamlitx imma ipproċedit sempliċement għat-talba għall-kundanna tal-attur għall-ħlas. Għalhekk ma kienx hemm l-ewwel element meħtieġ għal kull kuntratt ċioè l-"in idem placitum consensus" ċioè bejn il-partijiet ma kienx hemm ftehim definitiv illi qatel il-kwistjoni prinċipali ta' bejniethom, u konsegwentement l-attur ma kellux bżonn illi jaġixxi għall-konsenja tal-varjatur u inqas għall-impugnazzjoni ta' dan is-suppost ftehim li fil-fatt ma kienx vinkolanti bejn il-partijiet. Huwa importanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh illi l-attur skond il-kondizzjoni tal-ftehim kellu jħallas il-bilanċ wara li "The machine is found to be satisfactory in that it will give the output claimed". L-attur kellu r-raġun kollu li ma jħallasx ammont hekk konsiderevoli ta' lit.1,800,000 qabel ma l-varjatur ikun fil-post, għaliex allura biss kien jista' wieħed igħid illi l-magna kienet qegħda tagħti l-output claimed. L-attur aċċetta varjatur ġdid mhux għaliex il-varjatur l-antik ma kienx għoġbu, imma għaliex bil-varjatur il-qadim il-magna ma kienitx (almenu fl-opinjoni tiegħu) ħadmet tajjeb, u għalhekk l-interess tiegħu kien mhux li jikkawtelha l-valur tal-varjatur billi jżomm 200,000 lit. kif ipproponietlu d-ditta konvenuta, imma li jassikura l-funzjonament sodisfaċenti tal-magna. — Taħt dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma jidhriliex illi hu neċessarju li tidħol fil-kwistjoni l-oħra, jekk għall-validità

ta' transazzjoni hemm bżonn l-ariċità tal-iskrittura, jew jekk l-ittra tat-tnejn (2) ta' Mejju, 1958 firmata mill-attur, flimkien mal-ittra tat-tmienja (8) ta' Mejju, 1958, firmata mid-ditta konvenuta, jissodisfawx ir-rekwisti tal-liġi (art. 1277 Kod. Ċivili) li trid illi transazzjoni għandha tirriżulta mill-kitba.

Il-Qorti għaldaqstant tiċħad din l-eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara illi l-attur ma kienx obbligat jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-pretiża transazzjoni jew għall-impugnazzjoni tagħha,

Omissis.